# Il–Kummissjoni Ewropea tniedi kampanja ta  reklamar fuq it–TV sabiex tippromwovi hajja minghajr tabakk
27/06/2005

Matul konferenza stampa, ftit jiem qabel il–Jum Dinji Minghajr Tabakk (31 ta´ Mejju) fi Brussell, Markos Kyprianou, il–Kummissarju Ewropew ghas-Sahha u l–Protezzjoni tal–Konsumatur nieda t–tieni fażi ta´ l–aktar kampanja kontra t–tipjip riċenti tieghu Help: Ghal Hajja Minghajr Tabakk, wara t–tnedija b´suċċess tar–road–show f´Marzu: Kampanja ta´ reklamar fuq it–TV madwar l–UE kollha li ghandha l–ghan li "tnehhi n–normalità" ta´ dan il–vizzju qerriedi.

Billi jbiddlu s–sigaretti ma´ sfafar fi tliet sitwazzjonijiet ta´ kuljum, ir–reklami juru kemm huwa anormali t–tipjip u l–problemi li jġib mieghu. L–ghan tar–reklami –li mis–6 ta´ Ġunju se jidhru fuq stazzjonijiet tat–televiżjoni madwar il–25 Stat Membru ta´ l–UE– huwa li juru li hemm ghajnuna disponibbli ghal dawk li ghandhom il–vizzju, huma suxxettibbli jew affettwati bit–tipjip. Ir–reklami ma jikkundannawx lil dawk li jpejjpu u liż-żghażagh, iżda jiffokaw ir–redikolu fuq is–sigarett innifsu.

Markos Kyprianou ppreżenta r–reklami lill–istampa bhala parti mill–kampanja ta´ l–UE kontra t–tipjip HELP: Ghal Hajja Minghajr Tabakk. Barra minn hekk, il–Kummissarju nieda l–web site HELP (www.help–eu.com) bhala g hodda ta´ teknoloġija ġdida sabiex jintlahqu gruppi fil–mira żghażagh u tipprovdi informazzjoni oġġettiva u fattwali fl–ghoxrin lingwa ta´ l–Unjoni Ewropea.

.: Ara t–3 reklami tat–TV

**Twissijiet bi stampi**
Fi żvilupp separat, il–Kummissjoni adottat leġislazzjoni li tippermetti li jiġu ntrodotti "twissijiet bi stampi" fuq pakketti tas–sigaretti, li jinkludu stampi ta´ pulmuni suwed u snien imhassra. Il–leġislazzjoni adottata mill–Kummissjoni tfisser li Stati Membri li jixtiequ jaghmlu dan jistghu jaghżlu li juru t–twissijiet tas–sahha standard ta´ l–UE fuq il–prodotti tat–tabakk billi jużaw stampi minn database żviluppata mill–Kummissjoni. Il–Belġju, l–Irlanda, il–Latvja u r–Renju Unit diġà wrew interess li jaghmlu dan.

**Sorsi:**
Kummissjoni Ewropea, 26 ta´ Mejju 2005

**Stqarrijiet ta´ l–istampa:**
http://europa.eu.int/rapid/pressReleases1...
**Aktar dettalji:**
Fuq it–tifsira u kif saru r–reklami l–ġodda tat–TV kontra t–tipjip fuq:
http://europa.eu.int/rapid/pressReleases2...